Laqgħa Reġjun Port - Nu 10/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 24 ta' Awwissu 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur Christopher Cassar | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Preżenti |
| Sur Pierre Dalli | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Skużat |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Skużat |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |
| Sur Gesmond Micallef | Malta First Aid | Reġjun Port | Preżenti għall-parti minn laqgħa |

**10. 1 Ittri ta' Apoloġija**

10.1.1 Il-President semma li s-Sur Pierre Dalli, is-Sur Dominic Grima, is-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Jorge Grech talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw jitniżlu bħala skużati.

**10.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.8**

10.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 8 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**10.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 08/2022**

10.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vince Borg u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Lulju 2022 u 24 t' Awwissu 2022 li kienet tammonta għall-€16,348.18.

**10.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 9**

| | |
|---|---|
| **10.4.1 Clean Up** | Il-President informa li kien hemm tmien Kunsilli Lokali li wrew interess li jissottomettu applikazzjoni konġunta mar-Reġjun sabiex jibbenfikaw minn fondi li ser tkun qed tagħti d-Diviżjoni sabiex isiru clena ups fil-lokalitajiet. Il-President semma li bħala Reġjun ser ikun qed jieħu ħsieb il-koordinament tal-proposta, marketing kif ukoll fotografja u vidjografija waqt l-attivitajiet. |
| **10.4.2 Reġjun Port AGM** | Il-President semma li re-branding għaddej u fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tintalab informazzjoni ta' attivitajiet tal-Milied li saru bl-għajnuna minn fondi li ta r-Reġjun kif ukoll xogħlijiet li saru mill-ħaddiema tal-RSSL. |

10.4.3 Is-Sur Alfred Zammit daħal għal-laqgħa 18:37

**10.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Business Plan 2022 – 2025**

10.5.1 Il-President preżenta il-Business Plan għas-snin 2022 u 2025.

10.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Alfred Zammit, il-Kumitat approva il-Business Plan hekk kif preżentat.

**10.6 Interreg EuroMED – Project A.P.P.R.O.D.O**

10.6.1 Il-President semma li r-Reġjun kien avviċinat mil-MIEMA sabiex ikun parteċipi fil-proġett APPRODO. Il-President semma li f' dan il-proġett ir-Reġjun irid jiffinanzja parti sostanzjali kif ukoll ikollu r-riżorsi umani sabiex dan il-proġett ikun jista' jiġi implimentat.

10.6.2 Fuq opinjoni tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li għalissa r-Reġjun ma jipparteċipax f' dan il-proġett.

**10.7 Horizon 2020 Project**

10.7.1 Il-President semma li r-Reġjun kellu laqa' mas-Sur Fabian Borg, rappreżentant tal-proġett Horizon 2020 immexxi mill-Kunsill Lokali tal-Gżira. Semma li r-Reġjun ġie avviċinat sabiex jipparteċipa f' dan il-proġett bħala replicator flimkien mal-Kunsill Reġjonali tal-Lvant. Il-President semma li f' dan il-proġett kull Kunsill Lokali jista' jagħmel ukoll claim għal staff cost ta' ħaddiema li jkunu qegħdin jiddedikaw ħin biex jaħdmu fuq il-proġett.

10.7.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat qabel li għandu jipparteċipa.

**10.8 Preżentazzjoni minn Malta First Aid**

10.8.1 Il-President talab li tkun sospiża l-laqgħa sabiex jistieden lis-Sur Micallef, rappreżentant mill-Malta First Aid.

10.8.2 Is-Sur Micallef ta preżentazzjoni fuq l-importanza ta' taħriġ fil-First Aid kif ukoll kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jkunu strumentali sabiex dan it-taħriġ jitwassal għand ir-residenti.

10.8.3 Is-Sur Micallef semma li kien ser jibgħat l-informazzjoni kollha lir-Reġjun permezz ta' email.

10.8.4 Il-President semma li parti mill-pjan tar-Reġjun ser ikun biex jippromovi aktar t-taħriġ kemm tal-impjegati kif ukoll tar-resident f' dan is-suġġett.

10.8.5 Is-Sur Marco Agius talab li jkun skużat mill-laqgħa għall-ħabta tas-19:25.

10.8.6 Is-Sur Micallef ġie skużat mil-laqgħa għall-ħabta ta' 19:44.

**10.9 Komunikazzjoni oħra mill-President**

| | |
|---|---|
| 10.9.1 Ħaddiema RSSL | Il-President staqsa lill-Membri jekk hemmx Kunsilli Lokali li jixtieqAu s-servizz tal-ħaddiema tal-RSSL. Is-Sindku tal-Isla talab |

li jkollu is-servizz tal-ħaddiema f' Novembru u il-Kunsilli tal-Kalkara ser jieħdu s-servizz f' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| 10.9.2 Kontijiet tad-Dawlu u Ilma – Tribunal | Il-President semma li r-Reġjun kien irċieva l-kont tad-dawl u l-ilma mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Semma li minkejja li fil-ftehim kien hemm klawżola li tindika li l-kontijiet għandhom ikunu mħalsa mir-Reġjun direttament lill-ARMS, dan ma sarx għax il-Kunsill ħallas lill-ARMS u bagħat fattura lir-Reġjun. Il-President semma li ser ikun qed jitlob ġustifikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali tal-ammont li l-Kunsill qed jgħid li huwa dovut lijlu. Il-President semma li qabel ikun hemm din il-kjarifika r-Reġjun mhuwiex ser jirrifondi lill-Kunsill Lokali. Dan għaliex it-Tribunal juża l-istess arloġġ tad-dawl li minnu jinxtgħel il-ġnien pubbliku li jinstab fih il-post. |
| 10.9.3 Applikazzjoni għall-Planning Fund – Kunsill Lokali tal-Birgu | Il-President semma li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien talab lir-Reġjun sabiex ikun parti mill-proposta li l-Kunsill Lokali kien ser jissottometti mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jibbenfika mill-fondi tal-planning fund. Is-Sur Cassar semma li l-Kunsill ser ikun qed japplika biex ibiddel id-dawl dekorattiv tal-Birgu għal wieħed LED. Semma li r-Reġjun mhux ser ikollu l-ebda impatt finanzjarju. Fuq proposta tal-President, is-sur Vince Borg qabel li r-Reġjun għandu jiffirma l-proposta tal-Birgu sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenfika mill-100% tal-fondi. |
| 10.9.4 Board tal-Evlawazzjoni – Sejħa ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali | Il-President semma li r-Reġjun kien irċieva mingħand id-Diviżjoni, il-board kompost li ser ikun qed jevalwa s-sjeħiet li daħlu għas-sejħa msemmija. Semma li r-Reġjun ġabar l-informazzjoni kollha ta' dawn il-Membri u għaddija lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex japprovahom. |
| 10.9.5 Deputat Reġistratur | Il-President semma li huwa importanti li tinstab data sabiex isiru l-intervisti għall-Deputat Reġistratur. |
| 10.9.6 Uffiċjali Reġjonali | Il-President semma li d-Diviżjoni reġgħet bagħtet lista ta' kandidati għall-Uffiċjali Immaniġġjar tal-Iskart kif ukoll Immaniġġjar ta' Proġetti. Il-President semma li ma jħossux komdu jkompli jkabbar it-tim f' dan l-istadju fejn minħabba li għaddej interim audit ir-Reġjun jinstab staġnat. Jemmen li s-salarju ta' dawn il-ħaddiema ser ikun qed jitħallas ta' xejn ladarba r-Reġjun ma jista' jagħmel l-ebda proġett. Fuq proposta tal-President, il-Kumitat qabel li r-Reġjun għalissa ma |

jkompliex għaddej bl-intervisti għall-impjig ta' Uffiċjali Maniġerjali.

| | |
|---|---|
| 10.9.7 Reġjun Kulturali | Il-President semma li wara li attenda laqgħa organizzata mid-Diviżjoni flimkien mal-kumplament tar-Reġjuni, Reġjun Port ser ikun ir-Reġjun Kulturali fis-sena 2026. Il-President semma li jagħddi aktar dettalji ladarba jkollu. |
| 10.9.8 Proposti għall-Budget | Il-President semma li jekk hemm xi Kunsilli li jixtiequ jresqu l-proposti tagħhom għall-Budget lill-Gvern Ċentrali, jistgħu jagħddu dawn il-proposti lir-Reġjun sabiex ikun jista' jressaqhom. |
| 10.9.9 Kollaborazzjoni mal-Armenia | Il-President semma li r-reġjun irċieva komunikazzjoni sabiex jikkollaboraw mal-Armenia, fuq attivitajiet relatati ma' arti, kultura u films. Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara semma li huwa interessat li jikkopera f' dan l-iskambju. |
| 10.9.10 Belt Ewropeja 2030 | Il-President semma li kien hemm sensiela ta' korrispondenzi kemm mad-Diviżjoni kif ukoll mal-Arts Council u l-AKL. Semma li segwiet ukoll laqgħa bejn il-partijiet kollha msemmija. Jidher li wat il-laqgħa d-Direttur Ġenerali semma li fil-budget tas-sena 2022, il-Gvern Ċentrali ma kienx alloka budget għall-bidbook. Is-Sur Attard semma li huwa lest li jiffinanzja persentaġġ ma' dak li r-Reġjun lest li jiffinanzja. Il-President semma li kien hemm qbil li qabel ikomplu l-affarjiet issir laqgħa mal-Ministru l-Onor. Owen Bonnici biex jiġu ċċarati xi affarjiet. |

**10.10 Aġġornament**

10.10.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta. 27 ta' Settembru 2022 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv